



Brussell, 3 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6365/21

Fajl Interistituzzjonali:
2010/0112(NLE)

AVIATION 38
RELEX 130
USA 3

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/... ta' ... dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha – Qbil fil-prinċipju – Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill TTE ta mandat lill-Kummissjoni biex tinneogzja ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru mal-Istati Uniti tal-Amerka¹. Il-Ftehim tal-Ewwel Stadju dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-UE u l-Istati Uniti ġie ffirmat fil-25 u t-30 ta' Marzu 2007, ġie rratifikat mill-partijiet kollha u ilu fis-seħħ mid-29 ta' Ġunju 2020. Wara li nbeda t-tieni stadju tan-negozjati f'Mejju 2008, il-Ftehim tat-Tieni Stadju (fil-forma tal-Protokoll imsemmi hawn fuq) ġie inizjalat fi Brussell fil-25 ta' Marzu 2010.
2. Fit-3 ta' Mejju 2010, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposti tagħha għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim tat-Tieni Stadju (9296/10 u 9435/10 REV 1 rispettivament).
3. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-Ftehim ġiet adottata mill-Kunsill fl-24 ta' Ġunju 2010, u l-Ftehim ġie iffirmat fl-istess jum, fil-Lussemburgu, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

¹ dokument 11322/03 RESTREINT UE

4. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-Ftehim u l-Ftehim innifsu ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali fil-25 ta' Awwissu 2010².
5. Il-proċess ta' ratifika tlesta mill-Istati Membri kollha fl-4 ta' Ġunju 2019, minbarra mir-Repubblika tal-Kroazja, iżda hemm l-intenzjoni li r-Repubblika tal-Kroazja taċċedi għall-Ftehim f'konformità mal-proċedura prevista fl-Att ta' Adeżjoni anness mat-Trattat ta' Adeżjoni tagħha tal-5 ta' Diċembru 2011.
6. Fit-22 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta emendata dwar il-konklużjoni tal-ftehim imsemmi hawn fuq, bil-ħsieb b' mod partikolari li tqis is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-28 ta' April 2015 fil-kawża C-28/12.
7. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni eżamina l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni u laħaq qbil dwaru fil-vidjokonferenza informali tiegħu fit-23 ta' Frar 2021.
8. Wara l-eżami fil-livell ta' grupp ta' ħidma, it-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ġie rivedut mis-servizzi tal-ġuristi lingwisti tal-Kunsill.
9. Bil-ħsieb tat-tħejjija għall-konklużjoni tal-Ftehim, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' deċiżjoni dwar il-konklużjoni, kif jinsab fid-dokument 6385/21 tal-ġuristi lingwisti, kif ukoll it-test tal-Ftehim kif jinsab fid-dokument 9913/10 tal-ġuristi lingwisti lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.

² ĠU L 223, 25.8.2010, p. 1.